# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 17/2019 SG**

**Mary Camilleri;**
**Ċettina Scicluna;**
**Antoinette Zammit;**
**Ina Zammit;**
**Alfred Grech; u**
**Graziella Degabriele bħala mandatarja**
**tal-imsiefer Marcel Grech, Michelle Del Re,**
**Robyn Thierny, Dean Grech,**
**Rachel Grech u Lisa Grech**

**vs**

**Carrie Anne Grech; u**
**Trudy Grech**

**Illum It-Tlieta, 22 ta' Settembru 2020**

Il-Qorti,

**<u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mary Camilleri et ippreżentat fit-12 ta' Frar 2019 fejn ġie premess:

1. Illi fis-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) mietet fir-Rabat, Għawdex, Dolores sive Doris Grech, xebba bint il-mejtin George Grech u

Alfonsa nee' Theuma, u dan hekk kif jidher mic Certifikat tal-Mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi mir-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B u Dok. C, l-imsemmija Dolores sive Doris Grech ma ħalliet l-ebda testament;

3. Illi bis-saħħa ta' Digriet Numru 60/2015 (JVC), hawn anness bħala Dok. D, tas-sbatax (17) ta' April, tas-sena elfejn u ħmistax (2015), wara r-Rikors ta' Cettina Scicluna et (Rik. Nru. 23/2015 (JVC)), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, laqgħet it-talba u ddikjarat miftuħa S-suċċessjoni ta' Dolores sive Doris Grech, a favur:

   a. ħutha, ċioe', Georgina sive Ina Zammit, Antonia sive Antoinette Zammit, Cettina Scicluna, Mary Camilleri, Alfred Grech; u Marcel Grech, fi kwoti ndaqs u ndiviżi bejniethom u ċioe' fi kwota ta' ottava parti (1/8) indiviża kull wieħed u waħda minnhom;

   b. fi kwota ta' ottava parti (1/8) indiviża bejniethom a favur ulied ħuha premort Frank Grech u ċioe', Michelle Del Re, Robyn Tierney, Dean Grech, Rachel Grech u Lisa Grech; u

   c. r-rimanenti kwota ta' ottava parti (1/*8*) indiviża bejniethom a favur ta' wlied ħuha premort Carmel sive Charles Grech u ċioe, Trudy Grech u Carrie Ann Grech

4. Illi minkejja t-trapass ta' oltre erba' (4) snin, il-konvenuti baqgħu ma ddikjarawx jekk jaċċettawx il-wirt ta' Dolores sive Doris Grech jew le;

5. Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti diversi drabi sabiex huma jiddikjaraw jekk hux ser jaċċettaw o meno l-wirt tal-imsemmija Dolores sive Doris Grech u dan fosthom:

   - Permezz tal-Ittra Uffiċċjali Numru 308/2018 tat-23 ta' Mejju, 2018 u li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. E;

   - Rikors tas-27 ta' Ottubru, 2015 fl-atti tar-Rik. Ġur. Nru. 38/2013 (JVC) fl-ismijiet Avukat Dottor Carmelo Galea et noe vs Doris Grech, hawn anness bħala Dok. F;

- Rikors ta' Mary Camilleri et fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarji (Rik. Nru. 77/2018 (JVC)), hawn anness bħala Dok. G;

6. Illi minkejja dan kollu, il-konvenuti baqgħu qatt ma għamlu dikjarazzjoni definittiva dwar jekk humiex ser jaċċettaw il-wirt imsemmi jew le, izda saħansitra, fi kwalunkwe skrittura jew materja in konnessjoni mal-wirt u suċċessjoni ta' Doris Grech baqgħu jirribadixxu li kwalunkwe azzjoni tagħhom ma għandiex 'titqies bħala aċċettazzjoni da parti tagħhom tal-wirt tal-mejta Doris Grech' u dan hekk kif jidher mill-iskritturi hawn annessi u mmarkati bħala Dok. H, Dok. I, u Dok.);

7. Illi għalhekk, peress li l-atturi baqgħu mingħajr ebda risposta, bil-konsegwenza li huma ġew preklużi milli jiddisponu mill-assi tal-mejta l-ebda triq oħra Dolores sive Doris Grech, l-esponenti ma kellhom x'jagħmlu ħlief li jipproċedu permezz ta' din il-kawża;

Għalhekk jgħidu l-istess konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa, tiddeċiedi billi:

1. Tagħti lil kull waħda mill-konvenuti, jew min minnhom a tenur tal-Artikolu 868 tal-Kodiċi Ċivili, żmien ta' xahar, biex tiddikjara jekk taċċettax il-wirt premess jew tirrinunzjax għalih, u fin-nuqqas ta' dik id dikjarazzjoni fiż-żmien hawn fuq imsemmi, il-wirt jitqies irrinunzjat mill istess konvenuta/i.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-Ittri Uffiċċjali u l-proċeduri kollha hawn fuq imsemmija, kontra l-konvenuti li minn issa huma inġunti in subbizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr Carmelo Galea u Dr Simon Galea Testaferrata bħala mandatarji tal-imsefrin Carrianne Grech u Trudy Grech ippreżentata fit-8 ta' Mejju 2019 fejn ġie eċċepit:

1. Illi in linja preliminari l-esponenti jeccepixxu l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża fis sens li l-intimati ahwa Grech igawdu l-*privilegium fori* fil-konfront ta' din l-Onorabbli Qorti. Huwa ċar mir-rikors promotur innifsu li ħadd mill-intimati ma jgħix ġewwa l-Gżira ta' Għawdex, u għalhekk il-kompetenza fir-rigward ta' din il-kawża hija afdata lill-Qorti ta' Malta li hija l-Qorti li għandha l-ġurisdizzjoni ġenerali u residwa fil-konfront ta' kull parti fokawża li ma tkunx suggetta għal ġurisdizzjoni ta' qorti oħra partikolari.

2. Illi mingħajr preġudizju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma intempestivi u għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti, u dan għal diversi raġunijiet.

3. Primarja fost dawn ir-raġunijiet, imma mhux l-unika raġuni, hija dik li l-intimati huma involuti fi proceduri gudizzjarji kontra Doris Grech, u, wara mewtha kontra l-eredità tagħha. Kif jirrikononxxu indirettament ir-rikorrenti stess, dawn il-proċeduri huma r-Rikors Ġuramentat Nru, 38/2018 JVC fl-ismijiet "Avukat Dottor Carmelo Galea et nomine vs Doris Grech" li fil-preżent qegħda tistenna li tigi appuntata fl-istadju ta' appell. F'dik il-kawża qiegħed jintalab li proprjetà immobiliari partikolari, u ċjoè l-fond "Main Square", Pjazza Indipendenza, Victoria, li fil-preżent huwa intestat fuq isem Doris Grech jiġi ddikjarat li huwa effettivament proprjetà tal eredità ta' Carmel Grech u tiġi eżegwita skrittura f'dan is-sens iffirmata bejn Camel Grech u Doris Grech lura fl-1999. L-intimati Carrieann Grech u Trudy Grech huma t-tnejn l-uniċi eredi ta' Carmel Grech u f'dik il-kawża għandhom il-vesti ta' atturi. Għaldaqstant, sakemm tiġi deċiża dik il-kawża definittivament, huma ma jistgħux jiġu mġiegħla jieħdu deċiżjoni dwar jekk humiex ser jaċċettaw jew jirrinunzjaw għall-eredità ta' Doris Grech - eredità li nfetħet ferm wara li nfetħet l-eredità ta' Carmel Grech, u saħansitra ferm wara li ġiet prezentata l-kawża 38/2013 għaliex kull deċiżjoni li huma jieħdu f'dan ir-rigward ser tpoġġihom f'sitwazzjoni li ser toħloqilhom problemi serji u insormontabbli kemm ta' natura legali kif ukoll ta' natura finanzjarja. Kien għalhekk li l-esponenti dejjem urew il-volontà li jikkooperaw mal-atturi odjerni f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-eredità ta' Doris Grech, inkluż il-kooperazzjoni tagħhom f'dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni u dispożizzjoni tal-assi ta' dan il-wirt bil-kundizzjoni li l-involviment tagħhom ikun dejjem mingħajr pregudizzju għall-possibbiltà u dritt mogħti lilhom bil ligi li jiddeċidu jekk jaċċettawx jew jirrinunzjawx għall-eredità ta' Doris Grech, sabiex din id-deċiżjoni tkun tista' tittieħed la darba s sitwazzjoni fir-rigward tal-kawża 38/2013 tiġi kristallizzata. L esponenti huma anki pronti li s-sehem li eventwalment ikun jispetta lilhom jekk u meta huma jaċċettaw l-eredità ta' Doris Grech jitpoġġa f'kont appositu li hemm miftuh fil-Bank of Valletta pic sabiex b'hekk żgur u certament ma jiġi ppregudikat ħadd.

4. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atti li qed jirreferu għalihom ir-rikorrenti fil-paragrafu 5 tar-rikors promotur, u cjoè r Rikors tas-27 ta' Ottubru 2015 fl-atti tal-kawża 38/2013JVC, u r-Rikors Volontarju Nru. 77/2018JVC kienu ovvjament u manifestament mhux adatti sabiex jilħqu l-għan tagħhom u għalhekk mhux biss ma jistgħux jintużaw bħala gustifikazzjoni għal din il-kawża, imma lanqas ma

jistgħu l-esponenti jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tagħhom, kuntrarjament għal dak mitlub mir-rikorrenti.

5. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat li din il-kawża ġiet differita għal sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża;

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Carrie Anne Grech-Abbas ippreparat affidavit li fih sostniet li hija tirrissjedi b'mod permanenti ġewwa 34, Rutland Road, Maidenhead, Berkshire, Renju Unit. Qalet li ma għandha l-ebda rabtiet residenzjali ma' Għawdex u qatt ma għexet f'Għawdex. Qalet li ġieli qattgħet żmien Għawdex meta kienet qed issir il-likwidazzjoni ta' l-assi ta' missierha. Hija sostniet li ma għandha l-ebda pjanijiet li tirrissjedi f'Malta. In fatti, hija ġiet ukoll notifiakta b'dawn l-atti ġewwa l-indirizz tagħha fir-Renju Unit. Ikkonfermat li oħtha Trudie Grech tgħix b'mod permanenti ġewwa 20, Sidney Gardens, Brentford Middlesex, TW8 8DX, Renju Unit. Hija qatt ma ffissat ir-residenza permanenti tagħha f'Għawdex.

**Ikkunsidrat:**

**Riżultanzi**

Bl-eċċezzjoni li qiegħda tiġi deċiża bis-sentenza tal-lum, ġiet eċċepita l-inkompetenza ta' din il-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża fis-sens li l-intimati aħwa Grech igawdu l-*privilegium fori* fil-konfront ta' din il-Qorti. Ġie eċċepiet li huwa ċar mir-rikors prmotur innifsu li ħadd mill-intimati ma jgħix ġewwa l-Gżira ta' Għawdex u għalhekk il-kompetenza fir-rigward ta' din l-kawża hija afdata lill-Qorti ta' Malta li hija l-Qorti li għandh l-ġurisdizzjoni ġenerali u residwa fil-konfront ta' kull parti f'kawża li ma tkunx suġġetta għal ġurisdizzjoni ta' qorti oħra partikoalri.

Dwar din l-eċċezzjoni, din il-qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Prim' Awla fid-deċiħjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2014 Ċitazzjoni Numru: 140/2014 fl-ismijiet Charles Schembri (ID 702556M) kontra Victor Vella (ID 20386G):

*"Skont l-Art 50 tal-Kap 12, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hija kompetenti li tiehu konjizzjoni ta` pretensjoni kontra " … l-persuni li joqoghdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta` Ghawdex jew ta` Kemmuna, kif ukoll ta` dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti."*

*L-Art 741(c) tal-Kap 12 jiddisponi li:- "L-eccezzjoni ta` l-inkompetenza tal-qorti tista` tinghata … meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari."*

*Persuni li joqghodu Ghawdex (u del resto dawk li jirrisjedu Malta) ghandhom id-dritt, meta jkunu konvenuti f`kawzi, li jigu msejha quddiem il-Qrati tal-gzira fejn joqghodu. Infatti l-Art 767 tal-Kap 12 jghid:-*

*"Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqoghdu fil-Gzira ta` Malta rigward il-qrati ta` dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta` Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta` dawk il-Gzejjer.".*

*L-Art 770 tal-Kap 12 jiddisponi :*

*`Il-privilegium fori jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari`.*

*L-Art 771 tal-Kap 12 jistipula :*

*`Il-privilegium fori ma jistax jintalab mill-werriet, meta ghar-raguni msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, ma setghax ikun mitlub mill-awtur tieghu`.*

*Il-privilegium fori jispicca :-*

1. *meta l-ghadd ta` konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu ndaqs (Art 769).*

2. *meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skont il-ftehim tigi ezegwita fi gzira partikolari (Art 770).*

3. *meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih (Art 772).*

*…. Ladarba saret l-eccezzjoni tal-privilegium fori, u dan in limine litis, l-Art 741(c) u l-Art 767 tal-Kap 12 ghandhom generalment japplikaw. Pero` l-Qorti tissolinea l-punt ta` dritt illi ghar-regola generali hemm eccezzjoni skond l-Art 770 tal-Kap 12 fejn jinghad li l-privilegium fori jispicca fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skont il- ftehim bejn il-partijiet, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Il-ligi hija cara u inekwivoka u ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni. Fil-kazi li jaqghu fit-termini ta` l-Art 770 tal-Kap 12, il-konvenut ma jibqghalux aktar id-dritt li jinvoka l-beneficcju li jigi mharrek*

*quddiem qorti fi gzira partikolari. Meta kawza tkun tittratta dwar obbligazzjoni li skont il-ftehim kellha tigi esegwita gewwa Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti go Malta ma jistax jissolleva l-eccezzjoni u l-kawza trid tigi trattata u deciza mill-Qorti ta` Ghawdex (ara: "Gorg Vella noe et vs Rev Charles Cini" deciza fis-16 ta` Frar 2001). Il-principju ewlieni li dejjem gie segwit mill-qrati taghna huwa illi, fejn in-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu, kellu jigi esegwit fi gzira partikolari, il-qrati ta` dik gzira ghandhom kompetenza li jisimghu u jiddeciedu l-kawza.*

*Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (AE) fit-13 ta` Ottubru 2009 fil-kawza "Maria Bezzina vs J Grech Ltd" fejn il-Qorti qalet hekk:-*

*"Hu evidenti li dan il-provvediment japplika f`kaz ta` obbligazzjoni li tirrizulta minn ftehim. It-test originali bit-Taljan jipprovdi li l-beneficcju ma japplikax jekk il-kawza titratta dwar obbligazzjoni "… il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare nell`una delle dette isole determinatamente."*

*Fis-sentenza taghha tal-15 ta` Frar 1917 fil-kawza "Angelo Zammit vs Michele Debono" (Kollez Vol XXIII.iii.495) il-Qorti tal-Kummerc qalet hekk :-*

*"Che questa disposizione contempla evidentemente l`esecuzione di un`obbligazione contrattuale, non potendo le espressioni `il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare`, riferirsi ad un`obbligazione come quella che nel caso si pretende fare derivare ex delicto, cioe` dal dolo praticato dal convenuto; Che per l`applicazione della disposizione citata e` mestiere che tra il creditore ed il debitore sia intervenuto un patto per cui l`obbligazione si debba eseguire in una delle isole determinatamente; e la esistenza di un tale patto e` inconcepibile nelle obbligazioni fondate sulla colpa extra-contrattuale."*

*Fis-sentenza taghha tal-10 ta` Novembru 2000 fil-kawza "Joseph Xerri noe vs Hix Travel Limited" il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri (PC) qalet hekk:-*

*"Fil-kaz in ezami nsibu kif anke jirrizulta mid-"Dokti. H.1 u H.2" esebiti missocjeta`konvenuta, illi s-sede ufficcjali ta` din il-kumpanija huwa fil-gzira ta` Malta, precizament fl-indirizz: 93, Tower Road, Sliema, u ghalhekk `prima facie` jidher illi s-socjeta` konvenuta ghandha ragun tqajjem din l-eccezzjoni gialardarba giet imharrka filQorti ta` din il-gzira u mhux f`dik ta` fejn titqies li hija r-residenza taghha.*

*Imma l-Qorti ma tistghax tieqaf hawn, kif donnha tippretendi s-socjeta` konvenuta. Importanti ferm ghas-soluzzjoni ta` din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tinghata wahda mill-eccezzjonijiet ghal din irregola u rilevanti ghal kaz in ezami. Infatti dan l-istess artikolu jghid illi : "l-`privilegium fori` jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari"*

*… Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruhhom dwar din l-eccezzjoni tal-`privilegium fori`, u din il-Qorti tiffaccja tali eccezzjoni prattikament kull darba li xi hadd residenti Malta jigi mharrek quddiemha.*

*Dejjem pero` gie ritenut illi, kif tistipula l-ligi stess, dan il-beneficcju tal-konvenut jispicca kemm il-darba jigi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwarda obbligazzjoni li kellha titwettaq fi gzira partikulari, fil-kaz taghna f`Ghawdex (ara f`dan ir-rigward : Appell Civili: Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw: 20.5.94; Appell Kummercjali : Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima:12.2.92; u cit. 6/1996: "Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited" moghtija fit-22 ta` April 1997 u kkonfermata fl-Appell).Hekk ukoll fil-kaz prezenti nsibu illi l-obbligazzjonijiet kollha in konnessjoni ma` dan in-negozju ikkuntrattat bejn il-mandanti ta` l-attur nomine minn naha l-wahda u s-socjeta` konvenuta minn naha l-ohra sar kollu f`Ghawdex, mill-agenzija tal-Kumpanija "Hix Travel Limited" tramite r-rapprezentanta taghhom f`din il-gzira . M`ghandu jkun hemm ghalhekk l-ebda raguni ghaliex l-allegat obbligu tas-socjeta` konvenuta li tinforma lill-koppja Greenwood bilhtiega ta` visa ghalihom biex jiddahhlu gewwa Franza, u li minhabba fih qed tigi mharrka din l-agenzija ta` l-ivvjaggar, ma setghax ghalhekk facilment jitwettaq ukoll mill-ufficcju taghhom f` Ghawdex.*

*Ghaldaqstant f`dawn ic-cirkostanzi, fejn irrizulta illi n-negozju guridiku li ta lok ghall-kawza prezenti twettaq fil-parti preponderanti tieghu fil-gzira ta` Ghawdex, gie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispicca l- `privilegium fori` tal-konvenut."*

*Fis-sentenza tat-13 ta` Frar 1862 (Kollez Vol II.102) fil-kawza "Cassar Desain vs Rapa et" kien deciz:*

*"Avendo considerato che, sebbene I convenuti nell`Isola di Gozo, e che giusta la disposizione dell`articolo 775 delle leggi d`Organizzazione e Procedura Civile, quando I convenuti residenti nella detta isola siano in maggior numero de` convenuti resident nell`Isola di Malta, ciascuno di detti residenti nel Gozo puo declinare il foro di Malta – e sebbene il-beneficio del foro cessa, a tenore dei provvedimenti espressi nell`articolo 777 delle dette leggi, nel caso in cui la causa versi sopra una obligazione il cui adempimento sia stato convenuto doversi fara nell`una delle dette Isole determinatamente-pure in fatto non si controverte che I convenuti ed I loro autori siano stati obbligati di adempiere in Malta l`obbligazione de loro assunta circa I pagamenti dei canoni."*

*Fis-sentenza tas-7 ta` Dicembru 1923 fil-kawza "Angelo Pisani noe vs Paolo Mizzi" (Kollez. Vol. XXV.I.1031) kien deciz:*

*". . . secondo l`articolo 777 delle leggi di procedura civile il beneficio del foro cessa quando siasi convenuto che l`obbligazione debba essere adempita nell`isola diversa da quella ove ha residenza il convenuto che invoca il-beneficio suddetto."*

*Fis-sentenza tat-30 ta` Marzu 1933 fil-kawza "Salvatore Cilia vs Paolo Bajada" (Kollez. Vol. XXVIII.III.1114) kien deciz:*

*" … il convenuto declina il foro di Malta siccome egli e` domiciliato al Gozo. Il convenuto (sic) pero` ribatte la detta eccezione col fare riferimento all`articolo 777 del Codice sul rito in forza del quale "il beneficio del foro cessa ancora nel caso in cui la causa versi sopra una obbligazione il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare null`una delle dette isole determinatamente" e la corte di appello di sua Maesta il 31 Marzo 1927 (Collez. XXXVI, I, 386) in commento del suo surriferito disposto ritenne doversi lo stesso applicare ad una causa in cui l`obbligazione fu adempiuta in Malta, tanto colla consegna quanto col pagamento del prezzo, fondandosi sulla presunzione di una tacita elezione di domicilio riguardo a tutto cio` che concerne una data obbligazione (v. anche sent. P.A. Civile, 19.0262, Collez. II, pag 102, ed. Appello 6 giugno 1930, Micallef vs. Zammit)"*

*Fis-sentenza tat-18 ta` Novembru 1939 fil-kawza "Giuseppe Busuttil vs Giorgio Spiteri" (Kollez. Vol. XXX.I.1004) kien deciz:*

*"Skond l-artikolu 774, kombinat ma` l-Art 748 para. 3 tal-ligijiet tal-Procedura Civili min joqghod Ghawdex ghandu dritt ossia benefizzju li jigi mharrek quddiem ilQorti ta` Ghawdex u ghalhekk ghandi dritt li jeccepixxi linkompetenza tal-Qorti jekk jigi mharrek quddiem il-Qorti ta` Malta … Dana l-benefizzju jispicca meta l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li l-adempiment taghha kellu jsir, bi ftehim, f`wahda jew l-ohra minn dawn il-Gzejjer …"*

*Fis-sentenza tat-13 ta` Frar 1953 fil-kawza "Patri Partiniano Cutajar noe vs Avukat Dr. Dustan George Bellanti noe" (Kollez. Vol. XXXVII.I.59) kien deciz:-*

*"Illi l-Kodici tal-Procedura fl-art. 742c jistabilixxi li l-eccezzjoni ta` l-inkompetenza tal-Qorti tista` tinghata, fost kazi ohra, meta hu moghti lill-konvenut ilbeneficcju li jigi msejjah quddiem Qorti partikolari. L-art. 768 imbaghad, ikompli jzid li dan il-beneficcju msemmi fil-paragrafu c tal-art. 742, hu moghti lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta` Malta rigward il-Qorti ta` din il-Gzira u lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta` Ghawdex jew Kemmuna rigward il-Qorti ta` dawn il-Gzejjer. Minn dawn id-disposizzjonijiet inholoq id-dritt ta` kull persuna li tigi mharrka quddiem il-Qorti tal-Gzira fejn hija tinsab toqghod. Pero` jinghataw kazijiet, kif l-istess Kodi tal-Procedura jistabilixxi, fejn dan il-privilegg ma jkunx jista` jigi miltub u milqugh. Hekk fl-art. 771 il-Kodici jistabilixxi li dan il-previlegium fori jispicca wkoll fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi ezegwita fi Gzira partikolari. Meta l-kawza tkun tivverri fuq obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi ezegwita hawn Ghawdex, ilkonvenut ghalkemm residenti Malta, ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza jinhtieg li tigi deciza quddiem dina l-Qorti Taghna. Hekk ukoll, ghalkemm il-konvenut ikun residenti Ghawdex, jekk il-kawza tkun dwar obbligazjoni li skond il-ftehim kellha ssir Malta, allura kompetenti jkun l-Qorti ta` Malta u mhux din (ara f`sens konformi Kollez. Vol. XXVIII-III-1114, Vol. XXIX-III-35, Vol. XXX-I-1004, Vol. XXXI-722); Inoltre, il-Kodici tal-Procedura, fl-art. 746, ikompli jistabilixxi ceri regoli li ghandhom jitharsu sabiex tigi stabbilita l-kompetenza bejn Qorti u*

*ohra ta` dawn il-Gzejjer f`certi kazi ta` residenza prezunta u fost kazi ohra, fil-paragrafu (h), jistabillixi rigward wirt battal il-Qorti kompetenti hija dik tal-lok fejn il-mejjet kien joqghod l-ahhar, jekk dan il-lok ikun maghruf.. . . il-hlas tac-cens kellu jsir lill-appellant nomine fil-Gzira ta` Ghawdex.*

*B`dina l-kondizzjoni "l-privilegium fori" li l-enfitewta seta` jinvoka in bazi ghad-disposizzjoni ta` l-art. 742c u 768 tal-Kodici tal-Procedura Civili gie nieqes, kif stabbilit fl-art 771 ta` l-istess Kodici."*

*Fis-sentenza tad-19 ta` Novembru 1954 fil-kawza "John Borg vs Salvatore Bonnici" (Kollez. Vol. XXXVIII.I.236) kien deciz:*
*"illi pero` skond l-art. 771 ta` l-imsemmi Kodici tal-Procedura, il-"privilegium fori" jispicca meta l-kawza tkun dwar obligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi ezegwita fi Gzira partikolari – liema principju ghandu jipprevali ghar-regola generali stabbilita fl-art. 768 fuq citat.. .L-appellant issottometta l-argument li fl-art. 771 fuq citat hemm ilkliem "skond il-ftehim" u li ghalhekk jehtieg li jkun hemm ftehim "espress" li lobligazzjoni ghandha tigi ezegwita fi gzira partikulari. Izda l-ftehim jista` jkun "tacitu" u hu ftehim tacitu anki meta l-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-ligi . . ."Vivian Gatt noe vs. Carmelo Grima (Vol. LXXVI.II.369)"Issa jirrizulta b`mod car li l-hlas millkonvenut kien dejjem isir Malta fl-ufficcju tal-attur nomine. L-ammont pretiz missocjeta` attrici huwa kollu ghax-xoghol u negozju li kien ghaddej qabel bejn ilkontendenti sa kemm il-konvenut kien waqaf fil-hlas. L-iskrittura in kwistjoni tirregola biss kif kellu jithallas il-bilanc. Minn dan wiehed jifhem li ma ma semmghu xejn ilpartijiet dwar fejn kellu jithallas il-bilanc, kien intiz bejniethom li dan kellu jibqa jsir f Malta u la dan kellu jsir Malta japplika d-dispost ta` l-artikolu 770 tal-Kodici fuq citat u ghalhekk f`dan il-kaz il-privilegium fori kien jispicca."*

*Fis-sentenza taghha tal-20 ta` Mejju 1994 fil-kawza "Alfred Cremona et vs Vanda armla Bradshaw" (Kollez. Vol. LXXVIII.II.162) il-Qorti tal-Appell qalet:-*

*"L-artikolu 50(I) tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati ghal Ghawdex hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza odjerna taghhom fil-gzira ta` Ghawdex jew Kemmuna. Minn dawn il-provvedimenti u minn artikoli ohra rilevanti fl-istess Kapitolu 12 jirrizulta illi lKompetenza hi determinata mir-residenza tal-konvenut f`kawza bl-eccezzjoni tal-kaz li lkawza tkun dwar l-obbligazzjoni li skond il-ftehim relattiv kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari (ara Artikolu 770 – Kapitolu 12)".*

*Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Novembru 1995 fil-kawza "Joseph Aquilina noe vs Richard dei Conti Stagno Navarra" (Vol. LXXIX.II.661) il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) qalet hekk:*

*"Jinghad fih infatti illi dik il-Qorti ta` Ghawdex bl-eskluzjoni tal-Qorti ta` Malta li naturalment tezawtora l-kompetenza ta` din il-Qorti, hija kompetenti biex tisma u tiehu konjizjoni – bhala Qorti ta` l-ewwel grad – "ta` kull pretensjoni kontra l-persuni li joqghodu jew li ghandhom residenza taghhom ordinarja fil-gzira ta` Ghawdex jew kemmuna kif ukoll dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-Qorti". "Hu car ghalhekk illi fuq kollox u*

*qabel xejn hu lfattur tar-residenza tal-konvenut li jirradika l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ta` Ghawdex, ad eskluzjoni tal-kompetenza ta` din il-Qorti …..".…..."Minn dawn id-disposizzjonijiet inholoq id-dritt ta` kull persuna li tigi mharrka quddiem il-Qorti talGzira fejn hija tinsab toqghod".*

Importanti li jiġi sottolinjat illi ai termini tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2013 fl-ismijiet John Mary Grima, Joseph Grima, u Maria mart Angelo Debrincat, aħwa Grima vs Francis Cutajar, intqal hekk dwar l-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12:

*Il-konvenut appellant jargumenta li kuntrarjament għal dak li deċidiet l-ewwel Qorti, huwa effettivament kellud-dritt li jinvoka a favur tiegħu il-benefiċċju tal-privilegium fori mogħti lilu bis-saħħa tal-Artikoli 741(c)4 u 7675tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Isostni li l-eċċezzjoni għal dan il-privileġġ imsemmi fl-Artikolu 770, mhix applikabbli għall-każ inkwistjoni għaliex il-każinkwistjoni ma jirrigwardax obbligazzjonijiet u ma jikkonċernax xi ftehim bejn il-partijiet. Isostnu li azzjoni ta' spoll mhix waħda "ex contractu" iżda "ex delicto" u kwindi ma hemm l-ebda lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12…..... Ovvjament l-azzjoni inkwistjoni, u cioe` dik ta' spoll, ma tirrigwarda l-ebda obbligazzjoni naxxenti minn ftehim (espliċitu jew taċitu) u għalhekk l-Artikolu 770 mhux applikabbli…. l-eċċezzjoni għall-benefiċċju tal-privilegium forikif kontemplata taħt l-Artikolu 770 mhux applikabbli, peress li l-kawża odjerna ta' spoll ma tirrigwardax obbligazzjonijiet naxxenti minn xi ftehim.*

Dwar l-applikabbilita' ommeno tal-artikolu 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta intqal f'Road Construction Limited vs Vincent Ciliberti noe (24 ta' Ġunju 2005, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali) ġie dikjarat b'mod ċar u espliċitu għall-aħħar illi meta si tratta minn azzjoni għall-ħlas tad-danni,, ma tapplikax id-deroga mill-eċċezzjoni tal-privilegium fori kontemplata mill-artikolu 770 tal-Kap. 12. L-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti f'din id-deċiżjoni kienu s-segwenti:

*"Bhala kawza ghad-danni, din hija kawza personali u ghalhekk il-principju sancit mill-Ligi illi actor sequtur forum rei ma jistax jigi injorat sempliciment ghaliex il-proprjeta` illi dwarha qamu l-kwistjonijiet bejn il-kontendenti incidentalment tinsab f`Ghawdex. . . .*

*Ghaldaqstant f`tali ic-cirkostanzi ma jistax jinghad illi gie res applikabbli l-artikolu 770 tal-kap. 12 dwar kif jispicca l-privilegium fori tal-konvenut.*

*Dana aktar u aktar meta l-eccezjoni kkontemplata fl-artikolu 770 tal-Kap. 12 ghal hekk imsejjah privilegium fori u cioe` fil-kaz ta` kawza li tkun dwar obbligazjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari certament m`hix applikabbli fil-kaz odjern li hija kawza ghall-likwidazjoni ta` danni minhabba agir allegatament abbuziv u kapricjuz da parti tal-konvenut pro et noe. Tali agir allegat bl-ebda mod ma jista` jinkwadra fl-estremi tal-artikolu 770 tal-Kap. 12."*

Finalment, din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-artikolu 745 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta li jistipola:

*Għall-kompetenza bejn qorti u oħra ta' Malta, minħabba residenza preżunta tal-partijiet li jkunu assenti jew inkapaċi, jew tal-korpi magħquda jew kull korp ieħor li jkollu personalità ġuridika distinta meta l-kawża ma tkunx, għal raġunijiet oħra, ta' kompetenza esklużiva ta' waħda mill-qrati hawn fuq imsemmija, għandhom jitħarsu r-regoli li ġejjin:*

*(a) iċ-ċittadini ta' Malta, u l-persuni l-oħra kollha li għandhom id-domiċilju f'Malta, meta huma neqsin minn Malta, jitqiesu li għandhom ir-residenza fil-lok lifih kienu joqogħdu l-aħħar f'Malta;*

*(b) kull persuna oħra, li m'għandhiex id-domiċilju f'Malta, fil-każijiet ikkuntemplati fl-artikolu 742(1)(ċ)u (f), jitqiesu li għandhom ir-residenza fil-lok fejn tkun qiegħda jew tinsab il-ħaġa, għad li l-kawża ma tkunx, għal dik ir-raġuni, fil-kompetenza esklużiva tal-qorti ta' dak il-lok;*

*(ċ) minuri suġġett għas-setgħa tal-missier jitqies li għandu r-residenza fil-lok fejn il-ġenitur li jeżerċita dik is-setgħa jkun joqgħod;*

*(d) il-persuni taħt tutela jew kurazija jitqiesu li għandhom ir-residenza fil-lok fejn joqgħod it-tutur jew il-kuratur, jew wieħed mit-tuturi jew kuraturi;*

*(e) il-korpi magħquda jew kull korp ieħor li jkollupersonalità ġuridika distinta jitqiesu li għandhom ir-residenza fil-lok fejn joqgħod wieħed jew ieħor mir-rappreżentanti tagħhom;*

*(f) dawk li jkollhom prokuraturi jew aġenti f'Malta, u dawk li hu lilhom permess li jistgħu jkunu atturi u konvenuti fil-persuna ta' prokuratur jew ta' aġent, jitqiesu li għandhom ir-residenza fil-lok li fih joqgħod il-prokuratur jew l-aġent jew wieħed mill-prokuraturi jew aġenti, meta dawna jkunu iżjed minn wieħed, fil-każ li l-kawża ssir kontra l-prokuratur jew l-aġent;*

*(g) rigward wirt battal, il-qorti kompetenti hija dik tal-lok fejn il-mejjet kien joqgħod l-aħħar, jekk dan il-lok ikun magħruf; u meta dan il-lok ma jkunx magħruf, il-qorti kompetenti hija dik tal-lok fejn tkun qiegħda jewtinsab il-ħaġa, inkella, meta ma jkun hemm ebdaproprjetà, il-qorti tal-lok fejn joqgħod l-attur.*

**Ikkunsidrat**

Ben meqjusa d-disposizzjonijiet tal-liġi, fl-isfond tar-rassenja ta` ġurisprudenza appena trattata, il-Qorti sejra issa tqis il-fatti ta' dan il-każ.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tqis l-argument tar-rikorrenti dwar l-applikabbilita' ommeno tal-artikolu 770 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. It-talba odjerna magħmula fir-

rikors ġuramentat hija sabiex l-konvenuti a tenur tal-artikolu 868 tal-Kap. 16 jingħataw żmien xahar biex jiddikjaraw humiex qed jaċċettaw il-wirt ta' Dolores sive Doris Grech li mietet fir-Rabat Għawdex, u fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni, il-wirt jitqies irrinunzjat. F'dan il-każ, l-azzjoni in kwistjoni ma tirrigwarda l-ebda obbligazzjoni naxxenti minn ftehim (espliċitu jew taċitu) u għalhekk l-Artikolu 770 mhux applikabbli.

Fit-tieni lok, din il-Qorti tqis li din il-kawża saret kontra żewġ konvenuti li rriżulta li entrambi jirrissjedu l-esteru u li skont l-affidavit ippreżentat minn waħda mill-intimati, entrambi ma għandhom l-ebda rabtiet permanenti mal-gżira Għawdxija. Ir-risposta li ġiet ippreżentata mill-konvenuti ġiet ippreżentata minn Dr. Carmelo Galea u Dr. Simon Galea Testaferrata bħala mandatarji tal-imsefrin konvenuti. Issa ai termini ta' l-artikolu 745(f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dawk li jkollhom prokuraturi jew aġenti f'Malta, u dawk li hu lilhom permess li jistgħu jkunu atturi u konvenuti fil-persuna ta' prokuratur jew ta' aġent, jitqiesu li għandhom ir-residenza fil-lok li fih joqgħod il-prokuratur jew l-aġent jew wieħed mill-prokuraturi jew aġenti, meta dawna jkunu iżjed minn wieħed, fil-każ li l-kawża ssir kontra l-prokuratur jew l-aġent.

F'dan il-każ, ma tressqu l-ebda provi dwar ir-residenza ommeno ta' dawn il-mandatarji ta' l-intimati. L-uniku ħaġa li ġiet mogħtija din il-Qorti huwa n-numru tal-karta ta' l-identita' rispettivi taż-żewġ mandatarji li minnhom jirriżulta li fil-każ ta' Dr Galea din tispicca bl-ittra G u fil-każ ta' Dr. Galea Testaferrata din tispiċċa bl-ittra M. Jidher ukoll mir-risposta ġuramentata illi l-indirizz ta' l-uffiċċju legali ta' Dr. Galea huwa f'Għawdex mentri dak ta' Dr. Galea Testaferrata huwa f'Malta. Madanakollu, dawn id-dettalji ma jammontawx għal prova li ż-żewġ mandatarji jirrissjedu f'Għawdex u f'Malta rispettivament. Quddiem din il-Qorti ma tressqu l-ebda provi dwar ir-residenza ta' dawn iż-żewġ mandatarji. Il-qorti mhijiex qiegħda hawn biex toqgħod tassumi informazzjoni li ma ġietx ippreżentata fl-atti ta' din il-kawża quddiemha. Dana qed jingħadd peress li l-avukat tar-rikorrenti sostna li huwa evidenti li Dr. Galea jirrissjedi ġewwa Għawdex mentri Dr. Galea Testaferrata jirrissjedi f'Malta u ġialadarba l-artikolu 769 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li l-għadd tal-konventi li joqgħodu fil-Gżira ta' Malta huwa daqs dak tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, il-privilegium fori jispiċċa. Fil-każ odjern, ħadd mill-partijiet f'din il-kawża ma pprova fejn jirrissjedu ż-żewġ mandatarji.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tqis li ġialadarba l-kawża ġiet ippreżentata direttament kontra l-intimati nfushom, tant li anke n-notifika saret fil-post fejn jirrissjedu fl-esteru, id-disposizzjoni li semmai din il-Qorti għandha teżamina hija l-artikolu 745(b) tal-Kap. 12 li jistipola li kull persuna oħra, li m'għandhiex id-domiċilju f'Malta, fil-każijiet ikkuntemplati fl-artikolu 742(1)(ċ)u (f), jitqiesu li għandhom ir-residenza fil-lok fejn tkun qiegħda jew tinsab il-ħaġa, għad li l-kawża ma tkunx, għal dik ir-raġuni, fil-kompetenza esklużiva tal-qorti ta' dak il-lok. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ, il-ħaġa li tirreferi għaliha l-Qorti hija wirt ta' Dolores sive Doris Grech li mietet ġewwa Għawdex. Għalkemm il-Qorti ma hix

konsapevoli ta' fejn jinsabu l-assi appartenti lil wirt ta' Dolores sive Doris Grech, b'analoġija ma' dak li jingħad f'każ ta' wirt battal fid-disposizzjoni ta' l-artikolu 745(g) tal-Kap. 12 tal-Lipijiet ta' Malta, il-qorti kompetenti hija dik fil-lok fejn il-mejjet ikun l-aħħar joqgħod. Illi mid-dokumenti eżebiti bħala Dok A sa Dok J, jirriżulta li Dolores sive Doris Grech kienet tirrissjedi ġewwa Għawdex. In fatti, f'Dok H, Dok I u Dok J, ġie mniżżel illi Dolores sive Doris Grech kienet residenti f'37, Triq il-Karita, Rabat, Għawdex. Il-Qorti qiegħda tqis għalhekk li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 745(b) tal-Kap. 12, il-konvenuti għandhom jitqiesu li għandhom ir-residenza f'Għawdex.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta` u tiddeċidi billi filwaqt li qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara ruħha kompetenti sabiex tisma` u tiddeċidi din il-kawża. L-ispejjeż tas-sentenza tal-lum jitħallsu mill-konvenuti.

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

22.09.2020 – Sup17.2019 – Camilleri Mary et vs Grech Carrie Anne et
4792